# 77. Iċ-Ċiviltà

Ja Ċiviltà, tad-demm kemm int rebgħana!
F'kull dehra tiegħek trid it-triq miksija
bid-demm ta' nies twajbin, għorrief, felħana
li ssieltu kontra d-dlam, il-qerq, il-ħtija;

Donnok x'alla tal-qedem, tkun ferħana
biss meta tara l-midbaħ kollu dmija;
kienet klubitek hekk tad-demm xewqana
li bqajt biex doqt ukoll demm il-Messija!

Ja Ċiviltà, lix-xemx inti tixbaħha
li meta tidher fuq il-lvant bil-ħmura
tiżbogħ is-sħab imxerred 'l hawn u 'l hemm;

Bħax-xemx ukoll li tnin fil-għabex tagħha
int, meta tgħib, madwarek fuq kull sura
tixħet ħmura ta' nar, ħmura ta' demm.